**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 18.11.07:** IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA.

## GIMGHA TAL-FAMILJA

**TEMA GENERALI:** ***"Il-Kelma ta' Alla tiswa biex wiehed jghallem, icanfar, iwiddeb, u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem t'Alla jkun perfett u mhejji ghal kull hidma tajba"*** **(2 Tim. 3, 16)**

**IT-TNEJN: Fis-6.30p.m.** ***Min jisma' kliemi u jagħmel dak li ngħid jien, jixbaħ lil wieħed li bena daru fuq il-blat"*** (Mt.7, 24)

**SUĠĠETT:** Il-kelma t'Alla hija żerriegħa li trid tikber"
Jitkellem Fr Joseph Sultana, Biblista.

**IT-TLIETA: Fis-6.30p.m**. *Il-Kelma tiegħek hija dawl fil-mixi tiegħi"* (Salm 105)

**Suġġett**: Il-Kelma t'Alla fil-Ħajja tagħna ta' kuljum
Jitkellem Mons. Carmelo Refalo Arċipriet tax-Xagħra

**L-ERBGĦA, Fis-6.30p.m "*Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma u mhux tisimgħuha biss*" (Gakbu 1,22)**

**Suġġett**: X'inhi l-"Lectio Divina"
Jitkellem Dun Ruben Micallef, Arċipriet taż-Żebbuġ

**IL-ĦAMIS, Fis-6.30p.m**. **"*Nitolbok quddiem Alla, xandar il-kelma"* (2 Tim. 4,1)**
Tkellimna Ms. Carmen Zammit, **Kummissarju għat-Tfal.**

**IL-ĠIMGĦA, fis-645p.m.** ***"Bagħat il-Kelma tiegħu u fejjaqhom"*** **(Salm107, 20)**

**SUĠĠETT:** Il-Kelma ta' Alla twassal għall-komunikazzjoni sinċiera fil-familja.
Ikellmuna Tony u Monica Bonnici, koppja minn Malta li hija fil-Moviment ta' Kana.

**IL-ĦADD, 25.11.07**: SOLENNITA' TA' SIDNA ĠESU' KRISTU SULTAN TAL-ĦOLQIEN KOLLU.

**JUM IL-KARITA'**

Fil-għaxija ssir il-funzjoni ta' Kristu Sultan fir-Rabat. Nieħdu sehem.

## ENVELOPES TAL-KARITA'

Ma' dan il-Bullettin qed inqassmulkom envelope biex fih titpoġġa offerta għall-Karita'. Dawn l-envelopes għandhom jintefgħu fil-kaxxi tal-knisja matul din il-Ġimgħa.

### AVVIŻ MIS-SEMINARJU

Is-Seminarju Minuri u l-Iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof qed joffru postijiet għall-kandidati għall-eż amijiet tad-Dħul li jiġu kkunsidrati bħala każijiet umanitarji gravi. Applikazzjonijiet: subien mis-Seminarju Minuri u bniet minn għand l-Madam ta' l-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju sad-19 ta' Jannar 2008.

### ADORAZZJONI GĦALL-PERSUNI KKONSAGRATI

l-Adorazzjoni għall-qduisja tal-Persuni Kkonsagrati dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa tan-Nadur u tibda fis-6.30p.m.

### LAQGĦA DWAR L-ABORT

Se ssir laqgħa mmexxija minn Ms Marija Attard dwar l-abort u l-effetti ħżiena tiegħu, fid-Dar Centrali ta' l-Azzjoni Kattolika, Victoria nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru u tibda fid-9.00a.m.

## KORS DWAR IL-BIBBJA

**L-Erbgħa,** 21 ta' Novembru jkompli l-Kors dwar il-Bibbja. Dan ikun fl-istess post u l-ĦIN ikun fil-**5.00p. m.**

## APPELL

Kif wieħed jista jara mill-programm li għandna għall-Ġimgħa tal-Familja se jkollna kelliema ta' livell kbir. Għalhekk nistieden lill-Ġenituri kollha biex jattendu għal dawn il-laqgħat interessanti.

*Dun Tarcisio Camilleri*